KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fid-29 ta’ Ottubru 2020[1]

**Kawża C-804/19**

**BU**
**vs**
**Markt24 GmbH**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg, l-Awstrija))

“Rinviju preliminari – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili u kummerċjali – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Kapitolu II, Taqsima 5 (Artikoli 20 sa 23) – Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti individwali ta’ xogħol – Kuntratt ta’ xogħol konkluż, fi Stat Membru A, bejn ħaddiem iddomiċiljat f’dan l-Istat u persuna li timpjega ddomiċiljata fi Stat Membru B, li jirrigwarda servizzi ta’ xogħol li jridu jitwettqu f’dan l-aħħar Stat – Kuntratt ta’ xogħol mhux eżegwit – Azzjoni għall-ħlas tar-remunerazzjoni miftehma, imressqa mill-ħaddiem kontra l-persuna li timpjegah – Esklużjoni tar-regoli ta’ ġurisdizzjoni previsti fid-dritt nazzjonali tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża – Artikolu 21(1)(b)(i) – Kunċett ta’ ‘post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu’ – Post fejn il-ħaddiem kellu jwettaq xogħlu, kif miftiehem fil-kuntratt”

## I. Introduzzjoni

1. BU, persuna fiżika ddomiċiljata fl-Awstrija, ikkonkludiet kuntratt ta’ xogħol ma’ Markt24 GmbH, li hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż. Skont dan il-kuntratt, dik tal-ewwel kellha twettaq, favur u taħt id-direzzjoni tat-tieni waħda, servizzi ta’ tindif fil-Ġermanja. Madankollu, bħala fatt, il-kuntratt inkwistjoni baqa’ fuq karta, u dan għal diversi xhur, sakemm Markt24 itterminatu billi keċċiet lil BU. Matul dan il-perijodu, l-imsemmija kumpannija ma tat ebda xogħol lill-ħaddiema, minkejja li din kienet baqgħet disponibbli, f’darha, lesta biex taħdem. Din l-istess kumpannija lanqas ma ħallsitha r-remunerazzjoni miftiehma.

2. F’dan il-kuntest, BU ressqet kawża quddiem il-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta’ Salzburg, l-Awstrija), li huwa l-pajjiż tad-domiċilju tagħha, b’azzjoni għall-ħlas ta’ din ir-remunerazzjoni miftuħa kontra Markt24. Din il-qorti, min-naħa tagħha, ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja t-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti, dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[2] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Brussell Ia”).

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 (ĠU 2012, L 351, p. 1).

3. Permezz tad-diversi domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi, essenzjalment, jekk għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni mressqa minn BU, jew jekk din l-azzjoni kellhiex titressaq quddiem qorti Ġermaniża. Dan jiddependi mill-punti dwar jekk, *l-ewwel nett*, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni li jinsabu fir-Regolament Brussell Ia – b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu, dwar l-azzjonijiet imressqa minn ħaddiema kontra l-persuna li timpjegahom – japplikawx għal tali kawża, u *mbagħad*, jekk ikun il-każ, jekk dan l-artikolu jippermettix lill-ħaddiem li jressaq kawża quddiem il-qorti tad-domiċilju tiegħu fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk ta' din il-kawża u, *fl-aħħar nett*, fin-nuqqas ta' dan, jekk dan ir-regolament jipprekludix lil din il-qorti milli tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni skont ir-regoli nazzjonali li joffru lill-ħaddiem din l-għażla.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega li azzjoni bħalma hija dik imressqa minn BU taqa' taħt ir-Regolament Brussell Ia, b'mod li l-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni li jieħdu konjizzjoni ta' din l-azzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, bl-esklużjoni tar-regoli nazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni. Ser nispjega wkoll li, f'sitwazzjoni fejn ma jkunx twettaq kuntratt ta' xogħol, għal xi raġuni jew oħra, il-ħaddiem jista' jfittex lill-persuna li timpjegah, skont l-imsemmi Artikolu 21, kemm quddiem il-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' dan tal-aħħar, kif ukoll quddiem il-qorti tal-post fejn huwa kellu jwettaq xogħlu, kif miftiehem f'dan il-kuntratt.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Ir-Regolament Brussell Ia*

5. Il-premessa 18 tar-Regolament Brussell Ia tipprovdi li "[b]'relazzjoni mal-kuntratti ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur u ta' impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni aktar favorevoli għall-interessi tagħha milli r-regoli ġenerali".

6. It-Taqsima 5 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, intitolata "Ġurisdizzjoni fuq kuntratti individwali ta' impjieg" tiġbor l-Artikoli 20 sa 23 tal-imsemmi regolament. L-Artikolu 20(1) ta' dan l-istess regolament jipprovdi:

"Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din it-Taqsima, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, għall-punt 5 tal-Artikolu 7, u, f'każ ta' proċedimenti mressqa mill-impjegat, għall-punt 1 tal-Artikolu 8".

7. L-Artikolu 21(1) tar-Regolament Brussell Ia jipprovdi:

"Min jimpjega li jkun domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mfittex:

a) fil-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat; jew

b) fi Stat Membru ieħor:

   i) fil-qrati tal-post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu jew fil-qrati fl-aħħar post fejn kien jagħmel hekk, jew

   ii) jekk l-impjegat ma jkunx jew inkella ma kienx abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, fil-qrati tal-post fejn ikun jinstab jew fejn kien jinstab in-negozju li kien impjega lill-impjegat".

### *B. Id-dritt Awstrijak*

8. L-Artikolu 4 tal-Bundesgesetz über die Arbeits- und Sozialgerichtsbarkeit (Arbeits- und Sozialgerichtsgesetz) (il-Liġi Federali dwar il-Qrati li Għandhom Ġurisdizzjoni fil-Qasam Soċjali), tas-7 ta' Marzu 1985 (iktar 'il quddiem l-"ASGG"), jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) u (d) tiegħu:

"Għandhom ġurisdizzjoni territorjali biex jieħdu konjizzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 50(1), fuq għażla tar-rikorrent:

1) fil-każijiet imsemmija fil-punti (1) sa (3), ukoll il-qorti tal-pajjiż fejn

   a) il-ħaddiem ikun iddomiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' xogħol jew li dan jew din kellu jew kellha waqt tmiem ir-relazzjoni tax-xogħol,

[...]

   d) ir-remunerazzjoni tkun dovuta jew, f'każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol, kienet dovuta l-aħħar [...]".

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

9. BU hija persuna fiżika ddomiċiljata f'Salzburg (l-Awstrija). Markt24 hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż li s-sede tagħha tinsab f'Unterschleißheim (il-Ġermanja).

10. F'ċerta data, BU avviċinaha raġel li qalilha li Markt24 kienet qiegħda tfittex il-ħaddiema, u li sussegwentement għal dan hija ffirmat, ma' dan ir-raġel, f'ħanut tal-ħobż f'Salzburg, kuntratt ta' xogħol li fuqu kienu jidhru t-timbru ta' din il-kumpannija kif ukoll numru tat-telefon Awstrijak u indirizz Ġermaniż. Skont dan il-kuntratt, BU kienet ġiet irreklutata, fuq bażi part-time, bħala aġenta tal-manutenzjoni biex tagħti servizzi ta' tindif f'München (il-Ġermanja) b'paga fix-xahar.

11. Kien previst li BU tibda taħdem fis-6 ta' Settembru 2017. Madankollu, hija qatt ma bdiet taħdem. Fil-fatt, Markt24 ma tatha ebda xogħol. Għalkemm BU baqgħet tista' tintlaħaq bit-telefon u kienet disponibbli biex taħdem fir-residenza tagħha, hija ma wettqet ebda attività ta' tindif u lanqas ebda tip ta' servizzi oħra għal din il-kumpannija. BU ma kellhiex in-numru tat-telefon tar-raġel li hija kienet ikkonkludiet il-kuntratt ta' xogħol tagħha. Matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' xogħol, BU ma rċeviet ebda remunerazzjoni. L-istess bħal tliet impjegati oħra ta' din il-kumpannija, hija ġiet irreġistrata, madankollu, bħala impjegata mal-organu tas-sigurtà soċjali Awstrijak.

12. Fil-15 ta' Diċembru 2017, Markt24 keċċiet lil BU.

13. Fis-27 ta' April 2018, BU fittxet lil Markt24 quddiem il-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg) għall-ħlas ta' arretrati ta' salarju, bonusis dovuti *pro rata temporis* u kumpens għal-leave imħallas għall-perijodu bejn is-6 ta' Settembru sal-15 ta' Settembru 2017. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni li din il-qorti għandha ġurisdizzjoni minħabba li l-imsemmija kumpannija kellha uffiċċju f'Salzburg fil-bidu tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom.

14. Peress li t-taħrika ma setgħetx tiġi nnotifikata lil Markt24 u r-rappreżentanti ta' din il-kumpannija ma għandhomx residenza magħrufa, il-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg) ħatret mandatarju biex jirrappreżentaha fl-assenza tagħha. Permezz ta' att tas-7 ta' Jannar 2019, dan tal-aħħar qajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali u territorjali ta' din il-qorti.

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 21 tar-[Regolament Brussell Ia] japplika għal relazzjoni ta' xogħol fejn, minkejja l-konklużjoni ta' kuntratt ta' xogħol fl-Awstrija għal twettiq ta' xogħol fil-Ġermanja, il-ħaddiem madankollu ma jkun wettaq ebda xogħol minkejja li kien disponibbli sabiex jaħdem diversi xhur fl-Awstrija?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2) L-Artikolu 21 tar-[Regolament Brussell Ia] għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' tiġi applikata dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti lil ħaddiem iressaq kawża (iktar faċilment) quddiem il-qrati tal-post fejn kien joqgħod matul ir-relazzjoni ta' xogħol jew fejn kien joqgħod meta ntemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, bħall-Artikolu 4(1)(a) tal-[ASGG])?

3) L-Artikolu 21 tar-[Regolament Brussell Ia] għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' tiġi applikata dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti lil ħaddiem iressaq kawża (iktar faċilment) quddiem il-qrati tal-post fejn ir-remunerazzjoni hija dovuta jew kienet dovuta meta ntemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, bħall-Artikolu 4(1)(d) tal-ASGG?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni u għat-tielet domanda:

4) a) L-Artikolu 21 tar-[Regolament Brussell Ia] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' relazzjoni ta' xogħol fejn il-ħaddiem ma jkun wettaq ebda xogħol, il-kawża għandha titressaq quddiem il-qrati tal-Istat Membru fit-territorju fejn huwa kien disponibbli li jaħdem?

b) L-Artikolu 21 tar-[Regolament Brussell Ia] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' relazzjoni ta' xogħol fejn il-ħaddiem ma jkun wettaq ebda xogħol, il-kawża għandha titressaq quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun ġie inizjat u konkluż il-kuntratt ta' xogħol, anki jekk dan tal-aħħar jikkonferma jew jipprevedi li l-ħaddiem jaħdem fi Stat Membru ieħor?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda?

5) Il-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-[Regolament Brussell Ia] japplika għal relazzjoni ta' xogħol fejn, minkejja l-konklużjoni ta' kuntratt ta' xogħol fl-Awstrija għal twettiq ta' xogħol fil-Ġermanja, il-ħaddiem madankollu ma jkun wettaq ebda xogħol minkejja li kien disponibbli sabiex jaħdem diversi xhur fl-Awstrija, fil-każ li tista' tiġi applikata dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti lil ħaddiem iressaq kawża (iktar faċilment) quddiem il-qrati tal-post fejn kien joqgħod matul ir-relazzjoni ta' xogħol jew fejn kien joqgħod meta ntemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, bħall-Artikolu 4(1)(a) tal-ASGG jew dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti lil ħaddiem iressaq kawża (iktar faċilment) quddiem il-qrati tal-post fejn ir-remunerazzjoni hija dovuta jew kienet dovuta meta ntemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, bħall-Artikolu 4(1)(d) tal-ASGG?"

16. It-talba għal deċiżjoni preliminari, datata 23 ta' Ottubru 2019, waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 tal-istess xahar. Markt24, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. F'din il-kawża ma nżammitx seduta.

## IV. Analiżi

17. Din il-kawża tirrigwarda l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' azzjoni għall-ħlas tar-remunerazzjoni prevista f'kuntratt ta' xogħol, mibdija minn ħaddiem kontra l-persuna li timpjegah, f'ċirkustanzi, jekk xejn partikolari, fejn il-ħaddiem ma wettaq, fil-fatt, ebda servizz taħt dan il-kuntratt, minħabba li l-persuna li timpjegah li ma tagħtux ix-xogħol miftiehem. Kif indikajt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, l-imsemmi kuntratt baqa', biex ngħidu hekk, fuq il-karta bejn il-ġurnata tal-iffirmar tiegħu u d-data li fiha l-persuna li timpjega tterminatu billi keċċiet lill-ħaddiem.

18. Din l-azzjoni taqa' fil-kuntest ta' tilwima transkonfinali. Fil-fatt, il-ħaddiema inkwistjoni, BU, hija ddomiċiljata f'Salzburg (l-Awstrija), filwaqt li s-sede tal-kumpannija li timpjega, Markt24, tinsab fil-Ġermanja – din il-kumpannija jista' jkun li kellha, wkoll, uffiċċju f'Salzburg fil-bidu tar-relazzjoni kuntrattwali tagħhom [3]. Barra minn hekk, il-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż ġie konkluż f'din il-belt, filwaqt li s-servizzi ta' xogħol miftiehma, jiġifieri x-xogħol ta' tindif, kellhom jitwettqu f'München (il-Ġermanja).

19. F'dan il-kuntest, l-*ewwel domanda* tal-qorti tar-rinviju hija intiża sabiex jiġi stabbilit, essenzjalment, jekk ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament Brussell Ia, b'mod partikolari, dawk li jinsabu fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, japplikawx għal azzjoni bħalma hija dik imressqa minn BU kontra Markt24.

20. F'dan l-istadju, jeħtieġ li jitfakkar li din it-taqsima fiha regoli speċifiċi għall-azzjonijiet ġudizzjarji "fuq kuntratti individwali ta' impjieg". Ir-regoli inkwistjoni, li diġà wasslu għal ġurisprudenza konsegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [4], huma intiżi b'mod partikolari [5] li jipproteġu lill-ħaddiem, li huwa meqjus bħala l-parti d-dgħajfa fil-kuntratt ta' xogħol [6]. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 21 tar-Regolament Brussell Ia joffri diversi għażliet ta' ġurisdizzjoni lil ħaddiem li jkun jixtieq jibda azzjoni kontra l-persuna li timpjegah. Minn naħa, skont il-paragrafu 1(a) ta' dan l-artikolu, il-ħaddiem jista' jfittex lill-persuna li timpjegah quddiem il-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' dan tal-aħħar – iżda, preċiżazzjoni importanti, mhux quddiem dawk tad-domiċilju proprju tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-paragrafu 1(b) tal-imsemmi artikolu jagħti lill-ħaddiem il-fakultà li jressaq l-azzjoni tiegħu, jew (i) quddiem il-qorti tal-"tal-post fejn jew minn fejn [huwa] abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" jew quddiem il-qorti "fl-aħħar post fejn kien jagħmel hekk", jew (ii) jekk l-impjegat ma jkunx jew inkella ma kienx abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, fil-qrati tal-"post fejn ikun jinstab jew fejn kien jinstab in-negozju li kien impjega[h]".

3 Dan il-punt ġie ddibattut bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali (ara l-punti 85 sa 93 ta' dawn il-konklużjonijiet).

4 Infakkar li r-Regolament Brussell Ia ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell I") li min-naħa tiegħu kien issostitwixxa l-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materja ċivili u kummerċjali, iffirmata fi Brussell fis-27 ta' Settembru 1968 (ĠU 1972, L 299, p. 32) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell"). Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell u tar-Regolament Brussell I tgħodd ukoll għad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tar-Regolament Brussell Ia. B'mod partikolari, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'materja ta' kuntratti individwali ta' xogħol, lill-punt 1 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Brussell tgħodd ukoll għall-punt 2 tal-Artikolu 19 tar-Regolament Brussell I (ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 45)) u l-ġurisprudenza li tirrigwarda lil dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tapplika wkoll għall-Artikolu 21(1) tar-Regolament Brussell Ia. Għaldaqstant, għall-konvenjenza, f'dawn il-konklużjonijiet ser nirreferi biss għal dan l-aħħar regolament, filwaqt li niċċita sentenzi u konklużjonijiet li jirrigwardaw l-istrumenti li ppreċedewh mingħajr ma nagħmel differenza bejniethom. Ser niddistingwi bejn dawn l-istrumenti biss fejn neċessarju.

5 Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament Brussell Ia huma intiżi, b'mod inġenerali, li jiżguraw iċ-ċertezza legali u, f'dan il-kuntest, li jsaħħu l-protezzjoni legali tal-persuni stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-regoli għandhom, għaldaqstant, ikollhom livell għoli ta' prevedibbiltà: ir-rikorrent għandu jkun jista' jidentifika faċilment il-qrati li quddiemhom huwa jkun jista' jressaq l-azzjoni tiegħu u l-konvenut jipprevedi raġonevolment dawk li quddiemhom jista' jitressaq. Barra minn hekk, l-imsemmija regoli huma intiżi li jiżguraw l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Ara l-premessi 15 u 16 ta' dan ir-regolament kif ukoll, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks (C-337/17, EU:C:2018:805, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 Ara l-premessa 18 tar-Regolament Brussell Ia kif ukoll, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Petronas Lubricants Italy (C-1/17, EU:C:2018:478, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21. Il-qorti tar-rinviju tiddubita li dawn ir-regoli huma applikabbli għall-azzjoni li għandha quddiemha minħabba li, għalkemm BU kienet ikkonkludiet kuntratt ta' xogħol ma' Markt24, hija fil-fatt, ma wettqet ebda servizz ta' xogħol b'eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt. Madankollu, ser nispjega, fit-taqsima A, għaliex l-imsemmija regoli japplikaw fil-fatt għal tali azzjoni, indipendentement mill-fatt li l-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż ma twettaqx.

22. Permezz tat-*tieni u t-tielet domanda* tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk hija tistax tiddikjara ruħha li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni mressqa minn BU abbażi tar-regoli previsti fid-dritt nazzjonali tagħha – b'mod iktar preċiż fl-Artikolu 4(1)(a) u (d) tal-ASGG – minħabba li dawn ir-regoli, kemm direttament, kif ukoll indirettament[7], jagħtu lill-ħaddiema Awstrijaċi l-fakultà li jressqu kawża quddiem il-qorti tad-domiċilju proprju tagħhom fl-Awstrija u li dawn, f'dan ir-rigward, huma iktar favorevoli għal dawn tal-aħħar minn dawk tar-Regolament Brussell Ia. Madankollu, ser nispjega fit-taqsima B għaliex huma biss ir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jinsabu f'dan ir-regolament li huma applikabbli għal tali azzjoni, bl-esklużjoni ta' regoli nazzjonali simili, u dan anki meta r-regoli nazzjonali jkunu iktar favorevoli għall-ħaddiema mir-regoli tar-regolament imsemmi l-ewwel.

23. Ir-*raba' domanda* tikkonċerna, essenzjalment, ir-regola prevista fl-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia. Din id-domanda hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex possibbli li jiġi identifikat "[i]l-post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, fiċ-ċirkustanzi fejn ebda servizz ta' xogħol ma twettaq mill-ħaddiem. Kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja sal-lum qatt ma kellha l-opportunità tippronunzja ruħha dwar il-mod li bih l-imsemmija dispożizzjoni għandha tiġi interpretata f'tali kuntest. Fit-taqsima Ċ ser nesponi r-raġunijiet li għalihom, anki f'dawn iċ-ċirkustanzi, dan il-"post" huwa identifikabbli u jikkorrispondi mhux għall-post fejn ġie konkluż il-kuntratt tax-xogħol jew għal dak fejn il-ħaddiem ikun disponibbli biex jaħdem, kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, imma għal dak il-post fejn il-ħaddiem kellu jwettaq xogħlu, kif miftiehem f'dan il-kuntratt.

## *A. Fuq l-applikabbiltà tar-Regolament Brussell Ia u, b'mod iktar speċifiku, tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu (l-ewwel domanda)*

24. *Fl-ewwel lok*, ma hemmx dubju, fil-fehma tiegħi, li azzjoni bħalma hija dik li tressqet minn BU taqa' taħt ir-Regolament Brussell Ia, meħud fit-totalità tiegħu. Fil-fatt, din l-azzjoni taqa' manifestament fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dan ir-regolament[8]. Hija taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni personali tiegħu, peress li r-regoli ta' ġurisdizzjoni li huwa jipprovdi japplikaw, fil-prinċipju, meta l-konvenut ikun iddomiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru[9] u li d-domiċilju ta' Markt24 jinsab fil-Ġermanja[10]. Fl-aħħar nett, għalkemm l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli teżiġi, bħala ipoteżi, element barrani[11], infakkar li l-imsemmija azzjoni tirrigwarda tilwima transkonfinali[12].

25. *Fit-tieni* lok, huwa ċar ukoll, fil-fehma tiegħi, li din l-istess azzjoni taqa', b'mod iktar speċifiku, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia.

7 Kif nifhmu jien, l-Artikolu 4(1)(d) tal-ASGG jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qorti tad-domiċilju tal-ħaddiem fil-każijiet fejn, skont il-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' xogħol, ir-remunerazzjoni hija portabbli u għandha, għaldaqstant, titħallas f'dan id-domiċilju mill-persuna li timpjega.

8 Infakkar li, anki qabel l-introduzzjoni ta' regoli speċifiċi f'materja ta' kuntratti individwali ta' xogħol fil-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li t-tilwimiet li jirrigwardaw tali kuntratti huma "materja ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Brussell Ia. Ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 1979, Sanicentral (25/79, EU:C:1979:255, punt 3).

9 Ara l-premessa 13 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Brussell Ia. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet minn dan ir-regolament japplikaw anki meta l-konvenut ikun iddomiċiljat fi Stat terz. Ara, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tal-imsemmi regolament, l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 21(2) tal-imsemmi regolament.

10 Skont l-Artikolu 63(1) tar-Regolament Brussell Ia, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-kumpanniji għandhom id-domiċilju tagħhom, b'mod partikolari, fejn ikollhom is-sede statutorja tagħhom.

11 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Corman-Collins (C-9/12, EU:C:2013:860, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 Ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont l-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament, din it-taqsima tapplika għal azzjonijiet ġudizzjarji "li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg". Hemm żewġ kundizzjonijiet li joħorġu minn dan il-kliem: minn naħa, irid ikun jeżisti "kuntratt individwali ta' impjieg" bejn il-partijiet fil-kawża; min-naħa l-oħra, l-azzjoni trid tkun marbuta ma' dan il-"kuntratt".

27. Fir-rigward tal-*ewwel* kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-imsemmi kunċett ta' "kuntratt individwali ta' impjieg" ma jirreferix għall-kategoriji previsti fid-dritt nazzjonali tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża (magħruf bħala "*lex fori*"), imma għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-ġurisdizzjoni stabbiliti mir-Regolament Brussell Ia fl-Istati Membri kollha [13].

28. Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet, b'mod awtonomu, tali "kuntratt" b'riferiment għall-kunċett ta' "relazzjoni ta' xogħol". Skont ġurisprudenza stabbilita, il-karatteristika essenzjali ta' "relazzjoni" simili hija l-fatt li persuna twettaq, matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, prestazzjonijiet li bħala korrispettiv għalihom kienet tirċievi remunerazzjoni [14].

29. Minn dan isegwi li kuntratt għandu jkun ikklassifikat bħala "kuntratt individwali ta' impjieg" fis-sens tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Brussell Ia, meta jagħti lok għal obbligi li jikkorrispondu għal tali relazzjoni ta' xogħol bejn il-partijiet kontraenti. F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-kuntratt konkluż bejn BU u Markt24, fid-dawl tal-klawżoli tiegħu, kien jinkludi tali obbligi u għandu għaldaqstant ikun ikklassifikat bħala tali [15].

30. Fir-rigward tat-*tieni kundizzjoni*, din hija manifestament issodisfatta f'dan il-każ, peress li l-azzjoni ta' BU hija bbażata fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li joħorġu mill-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż [16].

31. Il-qorti tar-rinviju, madankollu, tistaqsi jekk, sabiex azzjoni tkun taqa' taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia, ir-relazzjoni ta' xogħol kontenzjuża għandhiex ikollha ċerta natura ta' tul u ta' stabbilità, ħaġa li, jekk ikun il-każ, tista' teskludi l-applikazzjoni ta' din it-taqsima b'mod partikolari f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, fejn il-ħaddiem ma bediex jaħdem.

32. L-istess bħal Markt24, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, jien ma hiniex ta' din il-fehma. Fil-fatt, l-applikazzjoni tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia teżiġi, kif diġà indikajt, li l-azzjoni inkwistjoni tkun tirrigwarda "kuntratti individwali ta' impjieg" li jorbtu lill-partijiet fil-kawża. Min-naħa l-oħra, il-punt dwar minn meta ġie konkluż dan il-kuntratt [17] jew jekk fil-fatt twettaqx ma huwiex rilevanti.

13 Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punti 35 sa 37), kif ukoll, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2019, Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:310, punt 24).

14 Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punt 41), kif ukoll, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2019, Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:310, punt 25).

15 Ma għandix l-intenzjoni nindika li l-klassifikazzjoni ta' kuntratt, għall-finijiet tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Brussell Ia, tiddependi biss mill-klawżoli tiegħu. Fil-fatt, meta dawn il-klawżoli ma jikkorrispondux għall-mod li bih ir-relazzjoni tiżvolġi fil-prattika, għandha *tipprevali r-realtà tal-fatti* (ara l-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet). B'mod partikolari, kuntratt ippreżentat bħala li huwa "kuntratt individwali ta' xogħol" jiġi kklassifikat b'dan il-mod biss jekk, bħala fatt, ma jkunx hemm subordinazzjoni bejn il-partijiet, u viċe versa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2019, Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:310, punt 34)). Madankollu, din il-problema ma tqumx f'dan il-każ. Il-qorti li quddiemha tressqet il-kawża tista' tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-kuntratt kontenzjuż – li, mill-bqija, ħadd ma kkontestaha – fid-dawl tal-klawżoli tiegħu, anki jekk ma hijiex possibbli li tiġi kkonfermata n-natura tar-relazzjoni fid-dawl tal-fatti, peress li dan il-kuntratt ma jkunx twettaq.

16 Barra minn hekk, infakkar li huwa suffiċjenti, biex tkun issodisfatta din it-tieni kundizzjoni, li tkun teżisti rabta materjali bejn l-azzjoni u l-"kuntratt individwali ta' xogħol" inkwistjoni. Dan ikun il-każ meta din l-azzjoni tirreferi għal tilwima li tkun twieldet mat-twettiq tiegħu, anki jekk ma tkunx ibbażata fuq obbligu li jirriżulta minn dan il-kuntratt. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:65, punti 92 sa 98).

17 Nippreċiża madankollu li l-applikazzjoni tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia ma teżiġix il-konklużjoni formali ta' kuntratt bejn il-partijiet, peress li hija tapplika wkoll għar-relazzjonijiet ta' xogħol *de facto* (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2019, Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:310, punt 27)). F'tali ipoteżi, il-mument tat-twelid ta' din ir-relazzjoni hija determinanti biex tapplika l-imsemmija taqsima. Nippreċiża wkoll li l-partijiet għandhom ikunu marbutin permezz ta' kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni ta' xogħol *de facto fil-mument tal-fatti kontenzjużi*, indipendentement mill-fatt li l-azzjoni tkun ippreżentata, bħal f'dan il-każ, wara li dan il-kuntratt jew din ir-relazzjoni ntemmet.

33. Kif isostni dan il-gvern, din is-soluzzjoni toħroġ mis-suġġett stess ta' din it-taqsima, li huwa li jiġu pprovduti regoli ta' ġurisdizzjoni għall-kwistjonijiet "li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg". Huwa evidenti li tali kwistjonijiet jistgħu jqumu ftit wara l-konklużjoni ta' tali kuntratt[18], jiġifieri qabel it-twettiq tiegħu[19]. Fuq dan l-aħħar punt, nosserva li, spiss, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kollha jew parti minnhom li joħorġu minn kuntratt ta' xogħol huwa preċiżament ir-raġuni tal-kawżi bbażati fuq din l-istess taqsima.

34. Mill-bqija, l-interpretazzjoni kuntrarja tkun tmur kontra l-għan ta' grad għoli ta' prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, imfittex mir-Regolament Brussell Ia. Fil-fatt, skont dan l-għan, kif tenfasizza l-Kummissjoni, kull parti kontraenti fil-kuntratt għandha tkun tista' raġonevolment tipprevedi, sa mill-konklużjoni tal-kuntratt, quddiem liema qorti (qrati) hija tista' tressaq azzjoni kontra, jew tiġi mfittxa minn, il-parti l-oħra.

35. Tali interpretazzjoni tippreġudika wkoll l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem li fuqu hija bbażata t-Taqsima 5 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, infakkar li jekk din it-taqsima ma tiġix applikata għal tilwima bħal dik bejn BU u Markt24, din it-tilwima tkun suġġetta għar-regoli ġenerali previsti minn dan ir-regolament, li huma, l-maġġor parti tad-drabi[20], inqas favorevoli għall-ħaddiem. B'mod partikolari, dan tal-aħħar jitlef il-privileġġ li jkun jista' jiġi mfittex minn min jimpjegah biss quddiem il-qrati tad-domiċilju tiegħu stess[21] u li ma tkunx tista' tiġi invokata kontrih klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li tmur kontra l-interessi tiegħu[22].

36. Issa, is-sempliċi fatt li kuntratt ta' xogħol ikun ġie konkluż ftit qabel jew li fil-fatt ma jkunx twettaq, diffiċli li jiġġustifika l-iskartar, fir-rigward tat-tilwimiet li għalih jista' jwassal dan il-kuntratt, l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti f'din it-taqsima. Anki meta ħaddiem jikser il-kuntratt ta' xogħol tiegħu immedjatament wara li jikkonkludieh, jew fil-bidunett tat-twettiq tiegħu, huwa jimmerita protezzjoni – u dan speċjalment meta tali ksur jista' jkun imputabbli lill-persuna li timpjega. Bl-istess mod, meta ħaddiem iressaq, bħal f'dan il-każ, azzjoni kontra min jimpjegah minħabba li l-kuntratt ma twettaqx minħabba nuqqas ta' dan, ma hemmx raġuni li dan tal-aħħar jista' jinvoka kontrih klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni kontra l-interessi tiegħu[23].

37. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li azzjoni għal ħlas tar-remunerazzjoni miftiehma f'kuntratt ta' xogħol, mibdija minn ħaddiem iddomiċiljat fi Stat Membru kontra persuna li timpjega fi Stat Membru ieħor, taqa' taħt ir-Regolament Brussell Ia u, b'mod iktar speċifiku, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, u dan anki meta, bħala fatt, ma jkun sar ebda xogħol minn dan il-ħaddiem biex iwettaq il-kuntratt kontenzjuż.

18 Nippreċiża li ma għandix l-intenzjoni nippronunzja ruħi hawnhekk dwar jekk it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia tapplikax għall-kwistjonijiet li jkunu seħħew qabel, jew li jirrigwardaw il-konklużjoni ta' kuntratt ta' xogħol, bħalma hija azzjoni minħabba diskriminazzjoni waqt ir-reklutaġġ.

19 Tilwima tista' tqum anki qabel it-twettiq ta' kuntratt ta' xogħol għal diversi raġunijiet. Pereżempju, ħaddiem jista' jimrad immedjatament wara l-konklużjoni tal-kuntratt. Jekk il-persuna li timpjega tispiċċa tkeċċi lil dan il-ħaddiem qabel ma jirritorna mil-leave tal-mard, tista' tqum kwistjoni li tikkonċerna din it-tkeċċija. Ħaddiem u persuna li timpjega jistgħu jikkonkludu wkoll kuntratt ta' xogħol li jipprevedi data tal-bidu fil-bogħod, sabiex jippermettu lil dan tal-ewwel jieqaf mix-xogħol li jkollu mal-impriża preċedenti. Jekk il-ħaddiem jikser il-kuntratt qabel biss jibda jaħdem, il-persuna li timpjegah tista' tiftaħlu kawża.

20 Ara, għal analiżi komparattiva u dettaljata tar-regoli ta' ġurisdizzjoni li jinsabu fit-Taqsima 1, 2 u 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia, Grušić, U., *The European Private International Law of Employment*, Cambridge University Press, 2015, p. 106 sa 129.

21 Ara l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Brussell Ia.

22 Ara l-Artikolu 23 tar-Regolament Brussell Ia.

23 Barra minn hekk, jekk wieħed jissuġġetta l-applikazzjoni tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia għall-kundizzjoni li tirrigwarda l-perijodu u l-istabbiltà tar-relazzjoni ta' xogħol, dan jirriskja li jeskludi minn din it-taqsima l-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kuntratti ta' xogħol imsejħin "atipiċi", bħalma huma dawk tal-ħaddiema rreklutati għal perijodu definit, jew anki qasir ħafna (avveniment), minkejja li dawn il-ħaddiema jimmeritaw partikolarment kull protezzjoni. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:65, nota ta' qiegħ il-paġna 20).

### *B. Fuq l-esklużjoni tar-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni (it-tieni u t-tielet domanda)*

38. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda, kif issuġġerejt jien, li azzjoni bħal dik imressqa minn BU taqa' taħt ir-Regolament Brussell Ia u, b'mod iktar speċifiku, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, permezz tat-tieni u t-tielet domanda tagħha, jekk dan ir-regolament jipprekludix l-applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, previsti fid-dritt nazzjonali ta' din il-qorti, li jippermettu lill-ħaddiem li jressaq kawża quddiem il-qorti tal-post fejn huwa jkun iddomiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' xogħol, jew li jressaq kawża quddiem il-qorti tal-post fejn ir-remunerazzjoni hija dovuta.

39. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li, f'dan il-każ, ir-regoli previsti fl-Artikolu 4(1)(a) u (d) tal-ASGG – jew tal-anqas l-ewwel waħda fosthom – jagħtu l-ġurisdizzjoni lill-qorti tar-rinviju biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni mressqa minn BU. Dan premess, l-istess bħal Markt24, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, ma għandi ebda dubju fir-rigward tal-fatt li r-Regolament Brussell Ia jipprekludi l-applikazzjoni ta' tali regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni.

40. Fil-fatt, minn qari konġunt tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Brussell Ia jirriżulta li, għat-tilwimiet transkonfinali fi "kwistjonijiet ċivili u kummerċjali", ir-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti f'dan ir-regolament japplikaw meta l-konvenut ikun iddomiċiljat fi Stat Membru, filwaqt li r-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni huma rilevanti, fil-prinċipju, biss meta l-konvenut ikun iddomiċiljat fi Stat terz [24].

41. Barra minn hekk, meta r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti mir-Regolament Brussell Ia jkunu japplikaw, dawn jeskludu, purament u sempliċiment, dawk previsti fid-dritt nazzjonali tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża. Dan joħroġ mill-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament, li jippreċiża li l-uniċi derogi ammessi għar-regola prinċipali tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut, li tinsab fl-imsemmi Artikolu 4(1), huma dawk previsti fit-Taqsimiet 2 sa 7 tal-Kapitolu II tal-imsemmi regolament [25].

42. Konsegwentement, peress li l-azzjoni mressqa minn BU kontra Markt24 taqa', kif spjegajt fil-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet, taħt ir-Regolament Brussell Ia u, b'mod iktar preċiż, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, il-qorti tar-rinviju ma tistax tapplika r-regoli previsti fl-Artikolu 4(1)(a) jew (d) tal-ASGG [26]. Hija għandha, min-naħa l-oħra, tiddetermina l-ġurisdizzjoni tagħha fid-dawl biss tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

43. Il-fatt li r-regoli nazzjonali inkwistjoni huma iktar favorevoli għall-ħaddiema ma jippreġudikax din l-interpretazzjoni.

44. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia ma jikkostitwixxux "rekwiżiti minimi" ta' protezzjoni tal-ħaddiema, l-istess bħal dawk stabbiliti minn ċerti direttivi ta' armonizzazzjoni fil-qasam soċjali [27]. Fil-fatt, dan ir-regolament ma jwassalx għal tali armonizzazzjoni minima: huwa jipprovdi sistema unifikata ta'

24 Ara wkoll il-premessi 13 u 14 tar-Regolament Brussell Ia. Madankollu, kif indikajt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 ta' dawn il-konklużjonijiet, ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw ukoll meta l-konvenut ikun iddomiċiljat fi Stat terz.

25 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Corman-Collins (C-9/12, EU:C:2013:860, punti 20 sa 22).

26 B'kuntrast ma' dak li tagħti x'tifhem il-qorti tar-rinviju, jiena ma nikkunsidrax li din l-interpretazzjoni tippermetti lill-persuna li timpjega li tevita r-regoli tal-ASGG sempliċiment billi tistipula, fil-kuntratt ta' xogħol li hija tikkonkludi ma' ħaddiem Awstrijak, li l-post ta' xogħol abitwali ta' dan tal-aħħar għandu jkun fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, l-applikazzjoni tar-Regolament Brussell Ia tiddependi minn ċirkustanzi oġġettivi, bħalma huma d-domiċilju tal-konvenut u l-post *reali* tax-xogħol abitwali (ara l-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet). Mill-bqija, fir-rigward tat-tilwima fil-kawża prinċipali, din hija ta' natura transkonfinali u taqa' għaldaqstant taħt dan ir-regolament anki f'każ fejn il-kuntratt ikun ikkontempla post ta' xogħol abitwali fl-Awstrija, peress li BU u Markt24 ma humiex iddomiċiljati fl-istess Stat Membru.

27 Ara, pereżempju, id-Direttiva 2003/88/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 381).

regoli ta' ġurisdizzjoni, bil-għan li jiffaċilita l-moviment liberu tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u, għaldaqstant, il-funzjonament tajjeb tas-suq intern kif ukoll li jiggarantixxi ċ-ċertezza fir-rigward tal-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u, għaldaqstant, li jsaħħaħ iċ-ċertezza legali [28].

45. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma għandhomx il-fakultà li jissostitwixxu jew iżidu, mar-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolament Brussell Ia, regoli nazzjonali iktar favorevoli għall-ħaddiema. Tali fakultà tfixkel l-unifikazzjoni mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni, kif issostni Markt24. Hija tippreġudika wkoll iċ-ċertezza legali, kif jenfasizza l-Gvern Ċek, peress li jkun iktar diffiċli għall-persuni li jimpjegaw li jantiċipaw quddiem liema qrati jkunu jistgħu jiġu mfittxija mill-ħaddiema li huma jimpjegaw [29].

46. Meħud kont tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni u t-tielet domanda fis-sens li r-Regolament Brussell Ia jipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli ta' ġurisdizzjoni, previsti fid-dritt nazzjonali tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża, li jippermettu lill-ħaddiem li jressaq kawża quddiem il-qorti fil-post fejn ikun iddomiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' xogħol, jew li jressaq kawża quddiem il-qorti fil-post fejn ir-remunerazzjoni tiegħu hija dovuta.

### *C. Fuq id-determinazzjoni tal-post tax-xogħol abitwali, fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia (ir-raba' domanda)*

47. Fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, b'risposta għall-ewwel domanda, kif qiegħed nissuġġerilha li azzjoni bħalma hija dik imressqa minn BU kontra Markt24 taqa' taħt ir-Regolament Brussell Ia u, b'mod iktar speċifiku, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, il-qorti tar-rinviju jkollha tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha fid-dawl tar-regoli msemmija f'din it-taqsima.

48. F'dan il-kuntest, infakkar li l-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament Brussell Ia jipprovdi li ħaddiem jista' jiġi mfittex mill-persuna li timpjegah quddiem il-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' dan tal-aħħar. F'dan il-każ, huwa paċifiku li Markt24 hija ddomiċiljata fil-Ġermanja. Għaldaqstant, il-qrati Ġermaniżi għandhom ġurisdizzjoni skont din id-dispożizzjoni.

49. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għaldaqstant, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 21(1)(b) ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, infakkar li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-ħaddiem iressaq l-azzjoni tiegħu kontra l-persuna li timpjegah ukoll:

– (i) quddiem il-qorti tal-"post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" jew quddiem dik "fl-aħħar post fejn kien jagħmel hekk" jew

– (ii) meta l-ħaddiem ma jkunx jew inkella ma kienx abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, quddiem il-qorti tal-"post fejn ikun jinstab jew fejn kien jinstab in-negozju li kien impjega lill-impjegat […]".

28 Ara l-premessi 4 u 6 tar-Regolament Brussell Ia, kif ukoll, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Owusu (C-281/02, EU:C:2005:120, punti 39 u 43).

29 Mill-bqija, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia "m[a hij]iex biss ta' natura speċifika iżda h[ij]a anki eżawrjenti" (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, Glaxosmithkline u Laboratoires Glaxosmithkline (C-462/06, EU:C:2008:299, punt 18)). Din l-affermazzjoni hija, fil-fehma tiegħi, eċċessiva, peress li diversi dispożizzjonijiet minn dan ir-regolament japplikaw f'materja ta' kuntratti individwali ta' xogħol minkejja li ma jissemmewx f'din it-taqsima u din ma tirriżervax espressament l-applikazzjoni tagħhom (ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 26 tal-imsemmi regolament). Madankollu, din l-istess affermazzjoni tenfasizza għal darba oħra li l-qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża ma tistax tapplika, fir-rigward b'mod partikolari tat-talbiet li jaqgħu taħt din l-istess taqsima, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fid-dritt nazzjonali tagħha.

50. Il-post tax-xogħol abitwali jikkostitwixxi għaldaqstant il-kriterju prinċipali ta' ġurisdizzjoni fil-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, filwaqt li l-post tan-negozju li jimpjega huwa kriterju sussidjarju. Għaldaqstant, l-ewwel kriterju għandu jiġi eżaminat bi prijorità f'kull kawża [30].

51. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-post tax-xogħol abitwali, għall-finijiet tal-Artikolu 21(1)(b) għandu jiġi eżaminat mhux b'riferiment għal-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' xogħol inkwistjoni (magħrufa bħala "*lex contractus*"), imma abbażi tal-kriterji awtonomi ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tas-sistema u tal-għanijiet tar-Regolament Brussell Ia, u dan, anki hemmhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi, fl-Istati Membri kollha, tar-regoli ta' ġurisdizzjoni li dan jipprevedi [31].

52. Skont din il-ġurisprudenza, dan il-post jikkorrispondi għal dak "fejn il-ħaddiem iwettaq fil-fatt l-attivitajiet miftiehma mal-persuna li timpjegah" [32]. Għaldaqstant, l-identifikazzjoni tal-imsemmi post hija essenzjalment kwistjoni ta' fatt. Huwa l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jistabbilixxu dan l-imsemmi post fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull kawża li tkun tressqet quddiemhom, u dan b'osservanza tal-kriterji ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

53. F'dan ir-rigward, infakkar li l-karatteristika partikolari tal-kawża prinċipali hija preċiżament li, għalkemm fil-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż kien hemm stipulat li BU ser twettaq is-servizzi ta' xogħol tagħha f'München, din fil-fatt ma wettqet ebda attività għal Markt24.

54. F'tali ċirkustanzi, l-applikazzjoni tal-punt (i) tal-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia tista', mal-ewwel daqqa ta' għajn, tidher eskluża favur l-applikazzjoni tal-punt (ii) ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, kemm il-formulazzjoni tal-ewwel punt kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet jippreżupponu, mal-ewwel daqqa' ta' għajn, it-twettiq effettiv tas-servizzi mill-ħaddiem.

55. Madankollu, l-istess bħall-Kummissjoni, jidhirli li tali interpretazzjoni tkun inutilment restrittiva u kontra l-għan ta' din id-dispożizzjoni.

56. Fil-fatt, kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, il-kriterju tal-post tax-xogħol abitwali jirreferi għall-qorti li, bħala regola ġenerali, hija l-eqreb lejn il-kuntratt ta' xogħol u t-tilwimiet li jikkonċernawh [33]. Dan il-kriterju jitqies li joffri wkoll protezzjoni adegwata lill-ħaddiem peress li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, huwa f'dan il-post li dan tal-aħħar jista' jressaq azzjoni, bl-inqas spejjeż, kontra l-persuna li timpjegah [34]. Min-naħa l-oħra, il-kriterju tal-post tan-negozju li jimpjega ma jirreferix dejjem għall-qorti li għandha rabta daqshekk stretta mal-kuntratt – peress li dan in-negozju jista' jkun ta' natura fortuwita – u ma joffrix l-istess protezzjoni lill-ħaddiem – peress li ġeneralment

30 F'dan ir-rigward, nippreċiża li, fil-fehma tiegħi, l-ipoteżi partikolari tal-"aħħar post fejn [l-impjegat] abitwalment [kien iwettaq ix-xogħol tiegħu]" fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.

31 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punti 47 u 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' April 2003, Pugliese (C-437/00, EU:C:2003:219, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fil-fatt, hija l-qorti tal-post fejn għandu jitwettaq l-obbligu li jsir ix-xogħol li hija l-iktar adatta sabiex tiddeċiedi t-talbiet marbuta ma' kuntratt ta' xogħol. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

il-persuna li timpjega għandha l-ikbar kontroll fuq id-definizzjoni tal-post ta' reklutaġġ[35]. Għaldaqstant, skont din il-ġurisprudenza, l-ewwel kriterju għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' u ma huwiex issostitwit mit-tieni wieħed ħlief f'sitwazzjonijiet (eċċezzjonali) meta l-qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża ma tkunx f'pożizzjoni li tistabbilixxi tali post tax-xogħol[36].

57. Issa, l-istess bħall-gvern Ċek, jidhirli li, f'kawża bħalma hija l-kawża prinċipali, għalkemm bħala fatt ma jkun twettaq ebda servizz mill-ħaddiem, huwa possibbli li l-post tax-xogħol abitwali jiġi stabbilit, għall-iskopijiet tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, abbażi tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet. Fuq kollox, ma nara ebda raġuni għalfejn, f'sitwazzjonijiet fejn, għal xi raġuni kwalunkwe, il-kuntratt ta' xogħol tagħhom ma twettaqx jew għadu ma twettaqx, il-ħaddiema għandhom jiġu mċaħħda minn għażla ta' ġurisdizzjoni meqjusa favorevoli għall-interessi tagħhom. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, il-kriterju tal-post tan-negozju li jimpjega kif previst fil-paragrafu 1(b)(ii) ta' dan l-artikolu ma japplikax f'dan il-każ[37].

58. Fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' dan il-post abitwali, naqbel mal-fehma unanima ta' Markt24, tal-Gvern Ċek u tal-Kummissjoni, li skontha jeħtieġ, fis-sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tilwima bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah meta l-kuntratt ta' xogħol ma twettaqx, jew għadu ma twettaqx, li għall-finijiet tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, l-imsemmi post jikkorrispondi għal dak *fejn il-ħaddiem għandu, jew kellu, iwettaq xogħlu*, kif miftiehem, fil-prinċipju, f'dan il-kuntratt[38]. F'dan il-każ, jidhirli għaldaqstant li l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia tagħti l-ġurisdizzjoni mhux lill-qorti tar-rinviju, imma lill-qrati tal-belt ta' München, li huwa l-post tax-xogħol miftiehem bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali fil-kuntratt tagħhom.

59. Fil-parti 1 ta' din it-taqsima, ser nesponi l-fondatezza ta' din l-interpretazzjoni qabel ma niċħad, fil-parti 2, is-soluzzjonijiet alternattivi msemmija mill-qorti tar-rinviju.

### *1. Il-fondatezza tal-interpretazzjoni proposta*

60. *Fl-ewwel lok*, għalkemm l-identifikazzjoni tal-post tax-xogħol abitwali hija, kif indikajt fil-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet, essenzjalment punt ta' fatt, dan ma jfissirx li l-intenzjoni tal-partijiet fil-kuntratt tax-xogħol fir-rigward ta' dan il-post ma hijiex rilevanti. Għall-kuntrarju, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-mod li bih dawn ikkontemplaw it-twettiq tal-kuntratt tagħhom[39]. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ħadet inkunsiderazzjoni din l-intenzjoni fil-ġurisprudenza tagħha[40].

61. Nippreċiża li din ma hijiex kwistjoni li l-persuna li timpjega titħalla tistabbilixxi b'mod artifiċjali l-qorti li għandha ġurisdizzjoni billi tistipula post tax-xogħol fittizju fil-kuntratt tax-xogħol. Fil-fatt, *minn naħa*, il-post tax-xogħol previst fil-kuntratt huwa rilevanti biss sa fejn ikun jirrifletti l-intenzjoni reali tal-partijiet. Jekk il-ħaddiem juri, permezz ta' elementi oġġettivi, li huwa kellu, fil-verità, iwettaq

35 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 1989, Six Constructions (32/88, EU:C:1989:68, punti 13 u 14). Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, Koelzsch (C-29/10, EU:C:2011:151, punt 43), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Schlecker (C-64/12, EU:C:2013:241, nota ta' qiegħ il-paġna 27).

36 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 57). Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, Koelzsch (C-29/10, EU:C:2011:151, punt 43).

37 Madankollu, il-forum tal-post tan-negozju li jimpjega, kif previst fl-Artikolu 21(1)(b)(ii) tar-Regolament Brussell Ia, jikkoinċidi, fil-prinċipju, ma' dak indikat mill-punt 5 tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament. Fil-prattika, *il-forum ta' dan il-post huwa għaldaqstant ġeneralment disponibbli, grazzi għal din l-aħħar dispożizzjoni, għall-ħaddiem* (ara l-punti 85 sa 92 ta' dawn il-konklużjonijiet).

38 Fi kliem ieħor, meta l-kuntratt ta' xogħol ma jkunx twettaq, il-post relevanti huwa dak fejn il-ħaddiem *kellu jeżerċita l-attività tiegħu* skont it-termini tal-kuntratt. Fl-ipoteżi fejn ikunu ġew miftiehma diversi postijiet ta' xogħol fil-kuntratt ta' xogħol, il-ġurisprudenza skont liema għandu jiġi ddeterminat post ta' xogħol prinċipali, u l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dan il-għan, japplikaw *mutatis mutandis*. Jista' għalhekk ikun neċessarju li jiġi ddeterminat post "minn fejn" il-ħaddiem għandu (jew kellu) jwettaq l-attività tiegħu (ara l-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet). Din l-ipoteżi madankollu ma hijiex inkwistjoni f'dan il-każ (ara l-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet).

39 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 1989, Six Constructions (32/88, EU:C:1989:68, punt 20), u, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Koelzsch (C-29/10, EU:C:2010:789, punt 91).

40 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li, meta ħaddiem ikun wettaq xogħlu għal ċertu perijodu f'post partikolari, u mbagħad beda jwettaq xogħlu f'post differenti, dan l-aħħar post huwa determinanti meta "skont ir-rieda ċara tal-partijiet, [dan] huwa ddestinat li jsir il-post ġdid tax-xogħol abitwali" (sentenza tas-27 ta' Frar 2002, Weber (C-37/00, EU:C:2002:122, punt 54)].

xogħlu f'post ieħor, din il-kunsiderazzjoni tkun tipprevali[41]. *Min-naħa l-oħra*, huwa ċert li, fis-sitwazzjonijiet kollha fejn kuntratt tax-xogħol ikun twettaq, il-mod li bih dan ikun sar, huwa deċiżiv. B'mod partikolari, f'każ ta' diverġenza bejn il-post tax-xogħol stipulat f'dan il-kuntratt u dak fejn, fil-prattika, il-ħaddiem ikun wettaq xogħlu, tipprevali r-realtà tal-fatti u dan sabiex tkun prekluża kull manipulazzjoni tal-ġurisdizzjoni mill-persuna li timpjega, skont l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia[42]. Madankollu, meta l-kuntratt ta' xogħol ma jkunx twettaq, l-intenzjoni espressa mill-partijiet f'dan il-kuntratt hija, fil-prinċipju, l-unika element li jippermetti verament li jiġi stabbilit il-post tax-xogħol abitwali għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. Fi ftit kliem, l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt huma determinanti b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' twettiq tiegħu, jew il-perijodu qasir wisq ta' dan it-twettiq, ma jippermettix li jiġi stabbilit dan il-post fid-dawl tal-mod kif ir-relazzjoni tiżviluppa fil-prattika.

62. Dan iwassalni għall-fatt li, *fit-tieni lok*, din l-interpretazzjoni hija, fil-fehma tiegħi, konformi mal-imsemmi għan ta' protezzjoni tal-ħaddiem. B'mod partikolari, il-loġika, imfakkra fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, li skontha huwa fil-post tax-xogħol abitwali li l-ħaddiem jista', bħala regola ġenerali, iressaq azzjoni kontra l-persuna li timpjegah bl-inqas spejjeż, hija valida wkoll meta l-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż ma twettaqx, jew għadu ma twettaqx bħala fatt.

63. *Fit-tielet lok*, l-imsemmija interpretazzjoni tiggarantixxi, fil-fehma tiegħi, grad għoli ta' prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, kif isostni l-Gvern Ċek. Fil-fatt, il-post tax-xogħol ikkontemplat mill-partijiet huwa, fil-prinċipju, faċilment identifikabbli abbażi tal-kuntratt ta' xogħol. Il-ħaddiem jista' għaldaqstant jiddetermina faċilment il-qorti li quddiemha huwa jkun jista' jressaq eventwali azzjoni, u l-persuna li timpjegah tantiċipa quddiem liema qorti hija tkun tista' tiġi mħarrka, u dan hekk kif jiġi konkluż dan il-kuntratt[43]. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni tista' tiġi applikata b'mod ġenerali għas-sitwazzjonijiet kollha fejn kuntratt ta' xogħol ma jkunx twettaq għal xi raġuni kwalunkwe[44], ħaġa li tikkontribwixxi wkoll biex tiżgura ċ-ċertezza legali[45].

64. *Fir-raba' lok*, din l-istess interpretazzjoni hija konformi mal-prinċipju ta' viċinanza li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, imsemmi fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, il-viċinanza tinftiehem fir-rigward tar-relazzjoni ġuridika stabbilita b'dan il-kuntratt u tal-kwistjonijiet li hija tista' tqajjem. Minn dan l-aspett, il-qorti tal-post tax-xogħol abitwali, kif ikkontemplata mill-partijiet kontraenti fil-kuntratt ta' xogħol, hija viċin it-tilwimiet relatati ma' dan il-kuntratt, anki jekk dan tal-aħħar ma twettaqx, jew għadu ma twettaqx.

65. *Barra minn hekk*, argument storiku jsostni l-interpretazzjoni li jiena nissuġġerixxi. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li r-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kuntratti ta' xogħol kienu marbutin inizjalment mal-punt 1 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Brussell. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni, fil-verżjoni emendata tagħha, riżultat tal-Konvenzjoni ta' San Sebastián[46], kienet tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti tal-"post fejn ikun twettaq jew għandu jitwettaq l-obbligu li jkun is-suġġett tat-talba" u kienet tippreċiża li "fir-rigward ta' kuntratt individwali ta'

41 Nippreċiża li, f'dan il-każ, BU ma tikkontestax li hija kellha taħdem f'München.

42 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 62). Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (C-115/11, EU:C:2012:606, punti 41 sa 46 u tal-15 ta' Diċembru 2011, Voogsgeerd (C-384/10, EU:C:2011:842, punt 62). Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet. B'analoġija, fil-qasam tal-kunflitti tal-liġijiet, il-liġi applikabbli għal kuntratt għandha, sa fejn huwa possibbli, tkun tista' tiġi ddeterminata *ab initio*, bl-istess ħsieb ta' ċertezza legali. Is-soluzzjoni proposta, trasposta fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (ĠU 2008, L 177, p. 6, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I"), tippermetti wkoll dan ir-riżultat.

44 Għal diversi eżempji, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 Fil-fatt, għalkemm id-determinazzjoni tal-post abitwali tax-xogħol hija essenzjalment kwistjoni ta' fatt, li tista' tvarja minn kawża għal oħra, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tippermetti ċerta ġeneralizzazzjoni tas-soluzzjonijiet, jekk ma tridx taqa' f'approċċ purament każwistiku li jelimina kull prevedibbiltà għal min iressaq l-ilment. Il-ġurisprudenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sallum tippermetti, barra minn hekk, tali ġeneralizzazzjonijiet. Nirreferi, pereżempju, għall-preżunzjoni fis-sens li, meta ħaddiem iwettaq xogħlu f'diversi Stati Membri, iżda li għandu uffiċċju minn fejn jorganizza l-attività tiegħu, il-post fejn ikun jinsab dan l-uffiċċju jitqies, salv prova kuntrarja, li jikkorrispondi għal dak fejn huwa jwettaq abitwalment l-attività tiegħu għall-persuna li timpjegah (ara l-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet).

46 Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1989, dwar l-adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall mal-Konvenzjoni ta' Brussell (ĠU 1989, L 285, p. 1).

xogħol, dan il-post huwa dak fejn il-ħaddiem abitwalment iwettaq xogħlu" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, kien biżżejjed li jinqraw flimkien dawn iż-żewġ inċiżi biex wieħed isir jaf, mingħajr ebda dubju, li meta jkun hemm kuntratt ta' xogħol, il-ġurisdizzjoni kienet mogħtija lill-qorti tal-post fejn il-prestazzjoni tax-xogħol *saret* jew fejn *kellha ssir*[47]. Issa, ma hemm xejn x'jindika li, bil-fatt li ċaqlaq ir-regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratt individwali f'taqsima awtonoma, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirrevedi din is-soluzzjoni[48].

*2. Iċ-ċaħda tas-soluzzjonijiet alternattivi*

66. Il-qorti tar-rinviju tikkontempla, fil-partijiet tar-raba' domanda tagħha, żewġ soluzzjonijiet alternattivi għal dik issuġġerita f'dawn il-konklużjonijiet. Essenzjalment, din il-qorti tistaqsi jekk ikunx possibbli, f'sitwazzjoni fejn, bħala fatt, ma jkun twettaq ebda xogħol b'eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż, minħabba n-nuqqas tal-persuna li timpjega li tagħti lill-ħaddiem ix-xogħol miftiehem, li tingħata ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, (i) lill-qorti tal-post fejn il-ħaddiem kien disponibbli biex jaħdem jew (2) lill-qorti tal-post fejn tkun seħħet il-fażi prekuntrattwali u fejn ġie konkluż il-kuntratt ta' xogħol.

67. F'dan il-każ, is-soluzzjoni waħda jew l-oħra twassal biex tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti tar-rinviju, peress li ż-żewġ postijiet imsemmija fil-punt preċedenti jinsabu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha: minn naħa, huwa fir-residenza tagħha, f'Salzburg, li BU kienet disponibbli sabiex taħdem; min-naħa l-oħra, il-fażi prekuntrattwali seħħet, u l-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż ġie konkluż f'din il-belt.

68. Madankollu, l-istess bħal Markt24, bħall-Gvern Ċek u bħall-Kummissjoni, jien għandi riżervi serji fir-rigward ta' dawn is-soluzzjonijiet alternattivi. Fil-fehma tiegħi, dawn jitbiegħdu sew mill-kriterju ta' ġurisdizzjoni previst fl-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia u min-natura tal-eżami li teżiġi l-identifikazzjoni tal-post abitwali tax-xogħol. Fil-fatt, jeħtieġ, f'dan ir-rigward, li wieħed iħares mhux lejn kwalunkwe ċirkustanza tat-tilwima, imma, bħala ipoteżi, lejn iċ-ċirkustanzi biss li jirrigwardaw it-twettiq tax-xogħol inkwistjoni.

69. B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-*ewwel soluzzjoni* ssuġġerita mill-qorti tar-rinviju, jidhirli li l-post li fih il-ħaddiem kien disponibbli biex jaħdem ma huwiex rilevanti għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 21(1)(b)(i).

47 Barra minn hekk, meta r-regoli f'materja ta' kuntratti individwali ta' xogħol kienu għadhom jifformaw parti integrali mill-punt 1 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet espressament għall-post fejn twettaq *jew kellu* jitwettaq ix-xogħol. Ara s-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1987, Shenavai (266/85, EU:C:1987:11, punt 16); tal-15 ta' Frar 1989, Six Constructions (32/88, EU:C:1989:68, punti 14, 19 u 22); tat-13 ta' Lulju 1993, Mulox IBC (C-125/92, EU:C:1993:306, punt 17); tad-9 ta' Jannar 1997, Rutten (C-383/95, EU:C:1997:7, punt 16), kif ukoll tal-10 ta' April 2003, Pugliese (C-437/00, EU:C:2003:219, punt 17).

48 Iktar minn hekk, l-imsemmija soluzzjoni hija dejjem prevista espressament, għall-ġeneralità tal-kuntratti, fil-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia.

70. Fil-fatt, minn naħa, dan ma jistax ikun il-"post fejn [...] l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Anki jekk wieħed jagħti tifsira partikolarment wiesgħa ta' dak li jikkostitwixxi "xogħol", is-sempliċi fatt li wieħed jistenna li jingħata x-xogħol miftiehem ma jistax jitqies bħala tali [49]. Mill-bqija, infakkar li din il-kawża hija bbażata fuq il-premessa li ebda servizz ma kien ingħata bi twettiq tal-kuntratt.

71. *Min-naħa l-oħra*, wieħed ma jistax jikkunsidra, f'dan il-każ, ir-residenza ta' BU, fejn hija kienet disponibbli biex taħdem, bħala l-"post fejn [...] l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, minħabba, pereżempju, li BU kellha tħalli r-residenza tagħha biex twettaq ix-xogħol tagħha f'München u kellha tirritorna hemm ladarba twettaq xogħolha.

72. F'dan ir-rigward, nippreċiża li dan l-inċiż, li żdied fir-Regolament Brussell Ia mil-leġiżlatur tal-Unjoni [50], huwa intiż li jikkodifika l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha, meta l-attività ta' ħaddiem tkun lokalizzata f'diversi postijiet – bħalma huwa l-każ ta' ħaddiema itineranti, il-persunal tat-tijiriet jew tat-triq, eċċ –, jeħtieġ li, biex jiġi stabbilit il-post abitwali tax-xogħol tiegħu, jekk ma jkunx jista' jiġi lokalizzat post "fejn" twettaq b'mod prinċipali x-xogħol inkwistjoni, li dan ikun il-post "li minnu" dan il-ħaddiem jaqdi l-maġġoranza tal-obbligi tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah [51]. Fi kliem ieħor, f'tali ipoteżi, il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża għandha tipprova tidentifika "bażi" li minnha l-ħaddiem jorganizza l-attività tiegħu – bażi li, f'ċerti każijiet, tikkoinċidi mar-residenza tiegħu [52].

73. Issa, din il-ġurisprudenza ma hijiex trasponibbli għal kawża bħalma hija dik prinċipali. Dan il-każ, ma huwiex kwistjoni ta' xogħol plurilokalizzat. Is-servizzi miftiehma kellhom, għall-kuntrarju, jitwettqu f'post wieħed. Ir-residenza ta' BU ma kinitx tikkostitwixxi "bażi" li minnha hija kellha torganizza l-attivitajiet tagħha għall-persuna li timpjegaha.

74. Barra minn hekk, li wieħed jadotta interpretazzjoni tal-"post fejn [...] l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu" bħal kif imsemmi fil-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet, ikollu t-tendenza li jiġi indikat li kwalunkwe ħaddiem transkonfinali, li joqgħod fi Stat Membru A, u jmur kull filgħodu fi Stat Membru B biex iwettaq, f'post abitwali, l-attività professjonali tiegħu qabel ma jirritorna, filgħaxija, fl-Istat Membru A, jkollu l-għażla li jadixxi lill-qorti tad-domiċilju tiegħu bħala l-post "fejn [huwa] abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu", filwaqt li bħala fatt iwettaq l-maġġoranza tal-obbligi tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah fl-Istat Membru B. Tali riżultat ikun imur kontra l-loġika stess tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia.

49 Dwar dan is-suġġett, nippreċiża li ma hijiex *a priori* kwistjoni, fil-kawża prinċipali, ta' *standby*, fis-sens tad-dritt tax-xogħol, jiġifieri ta' perijodu li fih il-ħaddiem, mingħajr ma jkun għad-dispożizzjoni permanenti u immedjata mal-persunali timpjegah, għandu madankollu l-obbligu li jkun fiżikament preżenti fir-residenza tiegħu jew fil-viċin, li jirrispondi f'kull mument għall-eventwali sejħiet tal-persuna li timpjegah u li jmur fuq il-post tax-xogħol tiegħu jew biex jintervjeni f'qasir żmien biex iwettaq xi xogħol (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2018, Matzak (C-518/15, EU:C:2018:82, punt 61)). Fil-fatt, id-deċiżjoni tar-rinviju ma fiha ebda element tali li jagħti x'jifhem li BU kellha tali obbligi abbażi tal-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż. Għalkemm din id-deċiżjoni ssemmi li din tal-aħħar baqgħet tista' tintlaħaq bit-telefon u kienet disponibbli biex taħdem fid-domiċilju tagħha (ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet), dan ifisser sempliċiment, fil-fehma tiegħi, li hija baqgħet ġeneralment disponibbli biex twettaq ix-xogħol miftiehem, u mhux li hija kellha l-obbligu li tkun fiżikament preżenti f'darha, li twieġeb għas-sejħiet tal-persuna li timpjegaha f'kull mument u li tkun lesta biex titlaq f'qasir iż-żmien lejn München biex tagħmel xogħol urġenti ta' tindif. Fi kwalunkwe każ, anke fl-ipoteżi ta' *standby*, fil-fehma tiegħi, id-dar ta' ħaddiem ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-post tax-xogħol abitwali tiegħu, għall-finijiet tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia sempliċement minħabba l-fatt li hemmhekk kien jistenna li jiġi kkuntattjat mill-persuna li timpjegah biex imur fil-post tax-xogħol jew biex jintervjeni.

50 Fil-fatt, l-Artikolu 19(2)(a) tar-Regolament Brussell I jirreferi biss għall-"post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu".

51 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Il-post fejn jinsab id-domiċilju tal-ħaddiem jista' wkoll, f'ċerti ċirkustanzi, jikkostitwixxi *ħjiel* tal-post fejn jinsab il-post prinċipali ta' xogħlu, peress li l-maġġoranza tal-ħaddiema jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fil-viċinanzi tar-residenza tagħhom. L-Istat Membru li fih ikun ġie rreġistrat il-ħaddiem ma' organu tas-sigurtà soċjali jista' wkoll jikkostitwixxi tali ħjiel (ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Mulox IBC (C-125/92, mhux ippubblikati, EU:C:1993:217, punt 35)). Madankollu, għalkemm, f'dan il-każ, BU kienet irreġistrata mas-sigurtà soċjali Awstrijaka (ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet), dan il-fatt ma jistax jiżboq il-fatt li x-xogħol ma kellux jitwettaq fl-Awstrija, u li dan lanqas ma kien hekk fil-fatt.

75. *Mill-bqija*, interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li tkun tikkonsisti, f'sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali, f'li tingħata ġurisdizzjoni lill-qorti tal-post fejn il-ħaddiem ikun baqa' disponibbli biex jaħdem, tkun inkompatibbli mal-għan ta' livell għoli ta' prevedibbiltà fir-regoli ta' ġurisdizzjoni. Fil-fatt, hija tkun tikkostitwixxi risposta eminentement imprevedibbli, ibbażata fuq interpretazzjoni jekk xejn kreattiva u, għaldaqstant, mhux mistennija tal-kriterju tal-post abitwali ta' xogħol, li ma jippermetti, barra minn hekk, ebda ġeneralizzazzjoni għal sitwazzjonijiet oħra fejn il-kuntratt ta' xogħol ma jkunx twettaq.

76. Lanqas l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiema ma jippermetti tali soluzzjoni. F'dan ir-rigward, ma huwiex ikkontestat li din is-soluzzjoni tkun partikolarment favorevoli għalihom, peress li twassal, f'numru ta' każijiet, sabiex toffrilhom *forum actoris*. Madankollu, l-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia ma joffrix protezzjoni massima lill-ħaddiema. B'mod partikolari, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprovdiex il-possibbiltà, għal dawn, li jressqu azzjoni, bħala tali, quddiem il-qorti tad-domiċilju tagħhom [53], minkejja li għamel dan fir-rigward tal-konsumaturi [54]. Fl-istat attwali ta' dan ir-regolament, il-qorti tad-domiċilju tal-ħaddiem jista' jkollha ġurisdizzjoni, skont il-punt (i) ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn biss dan id-domiċilju jikkoinċidi effettivament mal-post tax-xogħol abitwali tiegħu [55]. Wieħed ma jistax jevita l-problema billi jiżnatura dan l-aħħar kriterju. Fil-fatt, ma huwiex possibbli li wieħed jitbiegħed mit-termini ċari tal-imsemmija dispożizzjoni, anki jekk din tkun konformi ma' dan l-għan ta' protezzjoni [56].

77. Għal dak li jikkonċerna t-*tieni soluzzjoni* ssuġġerita mill-qorti tar-rinviju, jien ser nillimita ruħi biex nosserva li l-post fejn tkun seħħet il-fażi prekuntrattwali u fejn ikun ġie konkluż il-kuntratt ta' xogħol ma jikkostitwixxix, hawn ukoll, il-kriterju ta' ġurisdizzjoni magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia [57]. Barra minn hekk, għall-finijiet li jiġi stabbilit il-post tax-xogħol abitwali, skont din id-dispożizzjoni, jeħtieġ li kif indikajt fil-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet, wieħed jiffoka fuq iċ-ċirkustanzi li jirrigwardaw il-prestazzjonijiet ta' xogħol inkwistjoni, bl-esklużjoni ta' dawk li jirrigwardaw in-negozzjati u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' xogħol [58].

78. Hemm *oġġezzjoni aħħarija*, dwar il-prinċipju ta' viċinanza, li għandha tiġi eżaminata qabel ma' tiġi konkluża din it-taqsima. Kif indikajt ripetutament f'dawn il-konklużjonijiet, dan il-prinċipju huwa l-bażi tal-kriterju tal-post ta' xogħol abitwali. Il-qorti ta' dan il-post, fil-fatt, titqies li hija l-iktar waħda viċina għall-kawżi relatati mal-kuntratt ta' xogħol. Madankollu, iċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża prinċipali, meqjusin fit-totalità tagħhom, itendu li jindikaw post ieħor: BU kienet iddomiċiljata f'Salzburg; hija ġiet avviċinata, f'din il-belt, minn raġel li kien qiegħed jaġixxi manifestament f'isem u fl-interess ta' Markt24; din il-kumpannija jista' jkun li kellha uffiċċju fl-imsemmija belt; il-fażi prekuntrattwali seħħet hemmhekk, u l-kuntratt ġie konkluż hemmhekk; BU ġiet irreġistrata mas-sigurtà soċjali Awstrijaka. Għaldaqstant ma hijiex il-qorti tar-rinviju li għandha tingħata ġurisdizzjoni minħabba li hija, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, l-iktar waħda viċina għat-tilwima?

53 U dan anki meta l-azzjoni mressqa mill-ħaddiem tikkonċerna, kif inhu l-każ hawnhekk, obbligi ta' remunerazzjoni li għandhom eventwalment, skont il-*lex contractus*, jitwettqu fid-domiċilju tiegħu. Fil-fatt, l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti tal-post abitwali tax-xogħol *ikun xi jkun l-obbligu li joħroġ mill-kuntratt ta' xogħol inkwistjoni*.

54 Ara l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Brussell Ia.

55 Barra minn hekk, nosserva li l-kriterju tal-post tax-xogħol abitwali jippermetti diġà, f'numru kbir ta' każijiet, lill-ħaddiema li jadixxu lill-qorti tad-domiċilju tagħhom, peress li l-maġġoranza tal-ħaddiema jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fil-viċinanza tar-residenza tagħhom, jew anki fir-residenza tagħhom. Fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-inkonvenjent għal BU il-fatt li jkollha tressaq kawża, skont l-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia, quddiem qorti Ġermaniża jirriżulta sempliċiment mill-fatt li hija ntrabtet, meta kkonkludiet il-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż, li taħdem fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma kinitx, fi kwalunkwe każ, tagħti lil BU l-fakultà li tressaq kawża dwar dan il-kuntratt fl-Awstrija, u s-sempliċi fatt li l-imsemmi kuntratt ma twettaqx ma jiġġustifikax li jiġi żnaturat il-kriterju ta' ġurisdizzjoni li hija tipprevedi.

56 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bosworth u Hurley (C-603/17, EU:C:2019:65, punt 100).

57 Ara, b'analoġija s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Voogsgeerd (C-384/10, EU:C:2011:842, punt 55).

58 Min-naħa l-oħra, dawn l-aħħar ċirkustanzi huma rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 21(1)(b)(ii) tar-Regolament Brussell Ia, kif ippreċiżajt fil-punt 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79. Ir-risposta hija definittivament fin-negattiv. Il-kriterju tal-post abitwali tax-xogħol, kif previst fl-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, jirrifletti l-eżerċizzju ta' bbilanċjar, magħmul b'mod astratt mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bejn ir-rekwiżiti ta' prevedibbiltà, ta' viċinanza u ta' protezzjoni tal-ħaddiema. F'dan il-kuntest, il-ġurisdizzjoni hija mogħtija lill-qorti tal-post tax-xogħol abitwali peress li, bħala regola ġenerali, din tal-aħħar hija l-iktar viċin tat-tilwim fil-qasam tal-kuntratti individwali ta' xogħol. Min-naħa l-oħra, ma għandux għalfejn jiġi vverifikat jekk dan huwiex konkretament il-każ f'kull kawża. Qorti differenti minn dik tal-post tax-xogħol abitwali ma tistax għaldaqstant tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, minħabba li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha li jkunu tressqu quddiemha, hija l-iktar waħda viċina tat-tilwima inkwistjoni [59].

80. Qari komparattiv tal-imsemmija dispożizzjoni mal-Artikolu 8 tar-Ruma I jikkonferma din l-interpretazzjoni.

81. Fil-fatt, filwaqt li dan l-Artikolu 8 jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal kuntratt ta' xogħol, kriterji simili għal dawk li jinsabu l-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia [60], il-paragrafu 4 tiegħu fih "klawżola ta' eċċezzjoni" li ma ssibx l-ekwivalenti tagħha fl-imsemmi Artikolu 21. L-imsemmi paragrafu 4 jipprevedi, f'dan ir-rigward, li "[f]ejn mit-totalità taċ-ċirkostanzi jirriżulta li l-kuntratt ta' impjieg ikun aktar marbut ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafu 2 jew 2a, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor". Din il-"klawżola ta' eċċezzjoni" tippermetti għaldaqstant lill-qorti li tapplika, għal-kuntratt ta' xogħol li jitressaq quddiemha, liġi differenti minn dik tal-pajjiż fejn il-ħaddiem iwettaq abitwalment xogħlu meta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha – bħalma huma n-nazzjonalità tal-partijiet, il-post ta' reklutaġġ, il-post tal-ħlas tar-remunerazzjoni, dak tar-reġistrazzjoni għas-sigurtà soċjali, eċċ –, din il-liġi l-oħra tkun tidher iktar viċina ta' dan il-kuntratt [61].

82. Issa, għalkemm l-Artikolu 21 tar-Regolament Brussell Ia u l-Artikolu 8 tar-Regolament Ruma I għandhom jiġu interpretati b'mod koerenti [62], dan għandu jkun hekk biss sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom huma ekwivalenti. Għaldaqstant ma huwiex possibbli li, permezz ta' eżerċizzju ta' interpretazzjoni, tiġi mdaħħla fl-ewwel artikolu "klawżola ta' eċċezzjoni" simili minħabba li t-tieni regolament jinkludi tali klawżola ta' eċċezzjoni [63]. Hawn ukoll, wieħed ma jistax jevita l-problema, f'kawża bħal din preżenti, billi jiġi ddeterminat il-post tax-xogħol abitwali, kif previst fl-imsemmi Artikolu 21(1)(b)(i), fid-dawl taċ-ċirkustanzi – id-domiċilju tal-ħaddiem, il-post tal-konklużjoni tal-kuntratt, eċċ – li ma għandhomx, bħala tali, relazzjoni mal-prestazzjoni ta' xogħol. Interpretazzjoni

59 Bl-istess mod, ma huwiex possibbli, għall-qorti indikata minn din id-dispożizzjoni, li tirrifjuta l-ġurisdizzjoni tagħha minħabba li hemm qorti oħra li qiegħda f'pożizzjoni aħjar, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, li tiddeċiedi l-kwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1994, Custom Made Commercial (C-288/92, EU:C:1994:268, punt 21)).

60 B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 8 tar-Regolament Ruma I jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu: "1. Kuntratt individwali ta' impjieg għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet skond l-Artikolu 3. Madankollu, tali għażla ma tistax twassal li ċċaħħad l-impjegat mill-protezzjoni mogħtija lilu permezz ta' dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' għażla, kienet tkun applikabbli skond il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. 2. Sa fejn il-liġi applikabbli għall-kuntratt individwali ta' l-impjieg ma ntgħażlitx mill-partijiet, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih jew, fin-nuqqas ta' dan, li minnu l-impjegat abitwalment jeżerċita l-impjieg tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-pajjiż li fih ix-xogħol abitwalment jitwettaq m'għandux jitqies li nbidel jekk il-persuna tiġi impjegata temporanjament f'pajjiż ieħor. 3. Fejn il-liġi applikabbli ma tkunx tistà tiġi determinata skond il-paragrafu 2, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn ikun jinsab in-negozju li fih ġie impjegat".

61 Fi kliem ieħor, filwaqt li l-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia jipprovdi *regola riġida* ta' ġurisdizzjoni, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Ruma I joħloq *preżunzjoni konfutabbli* fir-rigward tal-liġi applikabbli.

62 Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punti 55 u 56).

63 F'dan ir-rigward, nistaqsi dwar ir-raġunament adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 73 tas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688). Fil-fatt, wara li fakkret, ġustament, li, fil-qasam tat-trasport bl-ajru, il-"post [...] li minnu" l-persunal tat-titjiriet iwettaq abitwalment xogħlu jikkoinċidi, fil-prinċipju, mal-"bażi ta' residenza", jiġifieri l-ajruport li minnu jibda jew iwaqqaf xogħlu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan il-punt, li l-ġurisdizzjoni ma għandhiex tkun tal-qorti ta' dan il-post "f'każ li, fid-dawl tal-elementi fattwali ta' kull wieħed mill-każijiet ineżami, it-talbiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikunu jippreżentaw rabtiet iktar mill-qrib ma' post [ieħor]", billi rreferiet, "b'analoġija" għas-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Schlecker (C-64/12, EU:C:2013:551, punt 38). Issa din l-aħħar sentenza kienet tikkonċerna l-kwistjoni dwar id-dritt applikabbli għal kuntratt ta' xogħol u l-possibbiltà għall-qorti li tuża l-"klawżola ta' eċċezzjoni" deskritta iktar 'il fuq (fil-verżjoni preċedenti tagħha li tirriżulta mill-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma). Fil-fehma tiegħi, l-imsemmi punt 73 jista' jitqies biss bħala li jindika li huwa possibbli li l-*prestazzjoni ta' xogħol innifisha* tkun partikolarment konnessa ma' post differenti minn dak tal-"bażi ta' residenza" (pereżempju, minħabba li l-ħaddiem ikun kellu bażi oħra iktar sinjifikattiva fi Stat Membru ieħor, eċċ) u li, għaldaqstant, il-post tat-twettiq prinċipali tax-xogħol ikun jinsab hemmhekk. Ma tistax tkun kwistjoni ta' teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt tal-kawża, inklużi dawk mingħajr rabta mat-twettiq ta' din il-prestazzjoni.

simili tkun tiżnatura dan il-kriterju ta' ġurisdizzjoni, kif indikajt fil-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet, u tkun, ukoll, tali li toħloq inkoerenzi mar-Regolament Ruma I, peress li tfixkel il-funzjonament tas-sistema ta' kriterji ta' prinċipju/klawżola ta' eċċezzjoni li dan ir-regolament jistabbilixxi fil-paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 8 tiegħu.

83. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għar-raba' domanda li, meta ħaddiem u persuna li timpjega jkunu kkonkludew kuntratt ta' xogħol u li, għal xi raġuni kwalunkwe, bħala fatt ma jkun ingħata minn dan il-ħaddiem ebda servizz ta' xogħol bi twettiq tal-kuntratt, il-"post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu", fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, jikkorrispondi, fil-prinċipju, għall-post tax-xogħol miftiehem fl-imsemmi kuntratt.

84. Dan premess, peress li l-post fejn BU kellha twettaq xogħolha, skont il-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż, ma jinsabx fil-pajjiż tal-qorti tar-rinviju, u għalkemm din tal-aħħar ma għamlet ebda domanda dwar dan il-punt, jidhirli li huwa xieraq, sabiex tingħatalha risposta utli, li nesponi, f'Taqsima D, għaliex din il-qorti jista' jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament Brussell Ia.

### *D. Fuq l-eventwali applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia*

85. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Brussell Ia jirriżerva espressament, fi kwistjonijiet li "għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg", l-applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

86. L-imsemmi punt 5 tal-Artikolu 7 joffri għażla ta' ġurisdizzjoni lil kull rikorrent. Dan jippermettilu li jressaq l-azzjoni tiegħu, "fir-rigward ta' tilwima li tirriżulta mill-attività ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor, fil-qrati tal-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew stabbiliment ieħor ikunu jinsabu".

87. Minn din il-formulazzjoni jirriżultaw żewġ kundizzjonijiet: min-naħa, trid tkun teżisti "fergħa", "aġenzija", jew "stabbiliment ieħor" tal-konvenut fil-pajjiż tal-qorti adita; min-naħa l-oħra, it-talba għandha tkun "tirriżulta mill-attività" ta' din l-entità.

88. Fir-rigward tal-*ewwel kundizzjoni*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-kunċetti ta' "fergħa", ta' "aġenzija" u ta' "kull stabbiliment ieħor", b'mod awtonomu, bħala li jippreżumu l-eżistenza ta' ċentru ta' operazzjonijiet li jimmanifestaw ruħhom b'mod fit-tul lejn l-estern, bħala l-estensjoni tal-istabbiliment omm. Dan iċ-ċentru għandu jkollu tmexxija u għandu jkun mgħammar materjalment b'mod li jkun jista' jinnegozja ma' terzi li b'hekk ma jkunux meħtieġa jikkuntattjaw direttament lill-istabbiliment omm[64]. Fi ftit kliem, dawn il-kunċetti jikkontemplaw kull struttura stabbli ta' impriża, inklużi l-uffiċċji, anki jekk din l-istruttura ma hijiex mogħnija b'personalità ġuridika[65].

89. Fir-rigward tat-*tieni kundizzjoni*, il-kunċett ta' "attività" ta' fergħa, ta' aġenzija jew ta' kull stabbiliment ieħor jinkludi, b'mod partikolari, it-tilwimiet li jirrigwardaw kull obbligu kuntrattwali meħud minn din l-entità inkwistjoni f'isem l-istabbiliment omm[66]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-kundizzjoni teżiġi li l-imsemmija entità tkun innegozjat u/jew ikkonkludiet il-kuntratt inkwistjoni, u mhux li l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt għandhom jitwettqu fl-Istat Membru fejn din hija stabbilita[67].

64 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' April 2019, Ryanair (C-464/18, EU:C:2019:311, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Fil-fehma tiegħi, il-kunċetti ta' "fergħa", ta' "aġenzija" u ta' "kull stabbiliment ieħor", previsti fil-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia, għandhom l-istess tifsira bħall-kunċett ta' "negozju" li impjega lill-ħaddiem, li jinsab fl-Artikolu 21(1)(b)(ii) ta' dan ir-regolament. Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Voogsgeerd (C-384/10, EU:C:2011:842, punti 54 u 58).

66 Ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 1978, Somafer (33/78, EU:C:1978:205, punt 13).

67 Ara s-sentenza tas-6 ta' April 1995, Lloyd's Register of Shipping (C-439/93, EU:C:1995:104, punt 22).

90. Minn dak li jippreċedi jirriżulta li, fi kwistjonijiet ta' kuntratti individwali ta' xogħol, ħaddiem jista' jħarrek lill-persuna li timpjegah skont il-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia, fil-qorti tal-post fejn din tal-aħħar għandha fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor, sa fejn din l-entità kienet involuta fin-negozjar u/jew il-konklużjoni tal-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż – jiġifieri, b'mod konkret, li l-ħaddiem kien ġie rreklutat minn, jew permezz tal-imsemmija entità –, u dan minkejja li huwa wettaq, jew kellu jwettaq, xogħlu f'post differenti[68]. Iċ-ċirkustanzi madwar in-negozzjazzjoni u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' xogħol huma għaldaqstant l-uniċi rilevanti għal-finijiet ta' din id-dispożizzjoni.

91. F'dan il-każ, infakkar li l-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż ġie nnegozzjat u konkluż, fil-pajjiż tal-qorti tar-rinviju, minn BU ma' raġel li aġixxa manifestament f'isem u fl-interess ta' Markt24.

92. Jekk dan ir-raġel kien preżenti f'Salzburg biss b'mod purament provviżorju sabiex jirrekluta lil BU, dan ma jistax ikun suffiċjenti biex jagħti bażi għall-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skont il-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia. Min-naħa l-oħra, jekk Markt24 kellha uffiċċju f'din il-belt, jista' jkun konċepibbli li wieħed jaċċetta li dan l-uffiċċju kien involut fin-negozzjazzjoni u/jew il-konklużjoni tal-kuntratt ta' xogħol tagħha u li, konsegwentement, din id-dispożizzjoni għandha tapplika[69]. Issa, nirrileva li BU ssostni li Markt24 kellha fil-fatt uffiċċju f'Salzburg fil-bidu tar-relazzjoni ta' xogħol[70], ħaġa li hija madankollu kkontestata mill-mandatarju li jirrappreżenta lil din il-kumpannija fl-assenza tagħha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

93. Nippreċiża li, fil-fehma tiegħi, il-punt dwar jekk dan l-uffiċċju eventwali jeżistix illum ma huwiex rilevanti daqs il-punt dwar jekk dan kienx jeżisti fiż-żmien tar-reklutaġġ ta' BU. Barra minn hekk, il-punt dwar jekk ir-raġel li avviċina lil BU kienx impjegat jew le mill-imsemmi uffiċċju ma huwiex deċiżiv fil-fehma tiegħi. L-organizzazzjoni interna tal-persuna li timpjega ma tgħoddx daqs, fil-fatt, l-apparenza tal-impriża f'għajnejn terzi persuni. Għandu pjuttost jiġi ddeterminat jekk BU setgħetx leġittimament temmen li dan ir-raġel kien ġej minn, jew kien jaġixxi flimkien ma', dan l-istess uffiċċju. Fir-rigward tal-fatt li l-kuntratt ta' xogħol kontenzjuż kien konkluż mhux fl-uffiċċju inkwistjoni, imma f'ħanut tal-ħobż stabbilit f'Salzburg, jidhirli li lanqas dan ma għandu jkun deċiżiv għall-applikazzjoni tal-imsemmi punt 5 tal-Artikolu 7. Altrimenti, ikun wisq faċli għall-konvenut li jevita l-kap ta' ġurisdizzjoni previst f'din id-dispożizzjoni, peress li jkun suffiċjenti, għall-impjegati tiegħu, li joħorġu mill-bini tiegħu biex jikkonkludu l-kuntratt.

## *E. Fuq il-ħames domanda*

94. Il-ħames domanda, dwar l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia, hija rilevanti biss f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel domanda, li azzjoni bħalma hija dik imressqa minn BU ma taqax taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament[71]. Peress li, kif spjegajt f'dawn il-konklużjonijiet, din it-taqsima tapplika inkontestabbilment għal azzjoni simili, ma hemmx bżonn li tingħata risposta għaliha.

68 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Voogsgeerd (C-384/10, EU:C:2011:842, punti 43 sa 52). Għaldaqstant, kif indikajt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-forum previst fil-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia jikkoinċidi, fil-prinċipju, ma' dak tan-"negozju li kien impjega lill-impjegat" fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(ii) ta' dan ir-regolament. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ regoli hija li l-ewwel forum japplika dejjem, filwaqt li t-tieni wieħed japplika biss fl-assenza ta' post tax-xogħol abitwali. Ara Grušić, U., *op. cit.*, p. 125.

69 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Voogsgeerd (C-384/10, EU:C:2011:842, punti 55 u 56).

70 Ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

71 Fil-fatt, it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell Ia teskludi l-applikazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punt 51).

## V. Konklużjoni

95. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mil-Landesgericht Salzburg (il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg, l-Awstrija):

1) Azzjoni għall-ħlas tar-remunerazzjoni miftiehma f'kuntratt ta' xogħol, mibdija minn ħaddiem iddomiċiljat fi Stat Membru kontra persuna li timpjega ddomiċiljata fi Stat Membru ieħor, taqa' taħt ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u, b'mod iktar speċifiku, taħt it-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tiegħu, u dan anki meta, bħala fatt, ma jkun sar ebda xogħol mill-istess ħaddiem biex iwettaq il-kuntratt kontenzjuż.

2) Ir-Regolament Nru 1215/2012 jipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli ta' ġurisdizzjoni, previsti fid-dritt nazzjonali tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża, li jippermettu lill-ħaddiem li jressaq kawża quddiem il-qorti fil-post fejn ikun iddomiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' xogħol, jew li jressaq kawża quddiem il-qorti fil-post fejn ir-remunerazzjoni tiegħu hija dovuta.

3) Meta ħaddiem u persuna li timpjega jkunu kkonkludew kuntratt ta' xogħol u li, għal xi raġuni kwalunkwe, bħala fatt ma jkun ingħata ebda servizz ta' xogħol bi twettiq tal-kuntratt minn dan il-ħaddiem, il-"post fejn jew minn fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu", fis-sens tal-Artikolu 21(1)(b)(i) tar-Regolament Brussell Ia, jikkorrispondi, fil-prinċipju, għall-post tax-xogħol miftiehem, fl-imsemmi kuntratt.